2024/1699

26.6.2024

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

R-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAL-BANGLADESH,

min-naħa l-oħra,

(minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"),

FILWAQT LI JINNUTAW li ġew konklużi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklużiva fir-rigward ta' diversi aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mingħajr diskriminazzjoni għar-rotot tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jagħtu l-possibbiltà liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi jiksbu d-dritt ta' sjieda fi trasportaturi tal-ajru mogħtija liċenzja skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh li jmorru kontra l-liġi tal-Unjoni Ewropea jridu jingiebu f'konformità magħha sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u tiġi ppreżervata l-kontinwità ta' servizzi tal-ajru bħal dawn,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, it-trasportaturi tal-ajru fil-prinċipju ma jistgħux jikkonkludu ftehimiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-għan jew l-effett li jipprevjenu, jirrestringu jew jgħawġu l-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh (i) li jirrikjedu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-intrapriżi jew prattiki miftiehma li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru fuq ir-rotot rilevanti; jew (ii) li jsaħħu l-effetti ta' kwalunkwe tali ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma; jew (iii) li jiddelegaw lit-trasportaturi tal-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħrajn ir-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru fuq ir-rotot rilevanti, jistgħu jrendu mhux effettivi r-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-intrapriżi,

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex għan tal-Unjoni Ewropea, bħala parti minn dan il-Ftehim, li jiżdied il-volum totali ta' traffiku tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u trasportaturi tal-ajru tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh jew li jiġu nnegozjati emendi għad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tat-traffiku,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabet li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn diversi Stati Membri u l-pajjiżi terzi mhumiex kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li l-konsistenza bejn il-liġi tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh se tipprovdi mezz vijabbli biex jiġu żgurati l-kontinwità tas-servizzi bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bangladesh u l-iżvilupp tagħhom,

FILWAQT LI JINNUTAW li d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh li ma jmorrux kontra l-liġi tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx għalfejn jintlaqtu minn dan il-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "Stati Membri" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-frażi "Trattati tal-UE" tfisser it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Ir-referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għaċ-ċittadini tal-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim għandhom jinftehmu bħala referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

3. Ir-referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru tal-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim għandhom jinftehmu bħala referenzi għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru nnominati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Nomina minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għalihom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam man-nomina ta' trasportatur tal-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, mal-awtorizzazzjonijiet u l-permessi tiegħu mogħtija mir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u mar-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi tat-trasportatur tal-ajru rispettivament.

2. Malli tirċievi nomina mingħand Stat Membru, ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi x-xierqa bl-inqas dewmien proċedurali, sakemm:

i. it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jinnominah skont it-Trattati tal-UE u jkollu liċenzja valida tal-operat skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea; u

ii. l-Istat Membru li huwa responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu jeżerċita u jżomm kontroll regolatorju effettiv fuqu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti tkun identifikata b'mod ċar fin-nomina; u

iii. it-trasportatur tal-ajru jkun, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, proprjetà ta', u jkun ikkontrollat b'mod effettiv mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini tagħhom u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra.

3. Ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur tal-ajru nnominat minn Stat Membru f'każ li:

i. it-trasportatur tal-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jinnominah skont it-Trattati tal-UE jew ma jkollux liċenzja valida tal-operat skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea; jew

ii. l-Istat Membru li huwa responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu ma jkunx jeżerċita jew iżomm kontroll regolatorju effettiv fuqu jew l-awtorità ajrunawtika rilevanti ma tkunx identifikata b'mod ċar fin-nomina; jew

iii. it-trasportatur tal-ajru ma jkunx, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, proprjetà ta', jew ikkontrollat b'mod effettiv mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini tagħhom u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra; jew

iv. it-trasportatur tal-ajru jkun diġà awtorizzat jopera fl-ambitu ta' ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u xi Stat Membru ieħor u, billi jeżerċita d-drittijiet tat-traffiku fl-ambitu ta' dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru l-ieħor, ikun qed jevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor; jew

v. it-trasportatur tal-ajru jkollu Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru maħruġ minn Stat Membru li miegħu r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh ma għandhiex ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru, u dak l-Istat Membru jkun ċaħad id-drittijiet tat-traffiku lil trasportatur innominat mir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh.

Hija u teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh ma għandhiex tiddiskrimina bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea abbażi tan-nazzjonalità.

Artikolu 3

Sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għalihom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. F'każ li Stat Membru jkun innomina trasportatur tal-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu jkun eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh skont id-dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza mogħtija fil-ftehim bejn l-Istat Membru li jkun innomina t-trasportatur tal-ajru u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh għandhom japplikaw bl-istess mod fir-rigward tal-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma tal-istandards tas-sikurezza minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-operat ta' dak it-trasportatur tal-ajru.

Artikolu 4

It-tassazzjoni fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu għalihom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra li tgħid mod ieħor, xejn f'kull ftehim elenkat fl-Anness 2(d) ma għandu jżomm lil Stat Membru milli jimponi, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq il-fjuwil fornut fit-territorju tiegħu biex jintuża f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru nnominat mir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju tiegħu jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kull dispożizzjoni oħra li tkun tgħid mod ieħor, fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 xejn ma għandu (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-intrapriżi jew prattiki miftiehma li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni; (ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe tali ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma; jew (iii) jiddelega lil operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet inklużi fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 li mhumiex kompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu applikati.

Artikolu 6

L-Annessi ta' dan il-Ftehim

L-Annessi ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

Artikolu 7

Reviżjoni jew emenda

Il-Partijiet jistgħu jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim f'kull ħin bi qbil reċiproku.

Artikolu 8

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom li huma meħtieġa biex jidħol fis-seħħ ikunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju mill-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan ikunu tlestew.

3. Il-ftehimiet u l-arranġamenti l-oħra bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u li ma jkunux qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness 1(b). Dan il-Ftehim japplika għal tali ftehimiet u arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew mal-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

Artikolu 9

Terminazzjoni

1. F'każ li jiġi terminat ftehim elenkat fl-Anness 1, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim ikkonċernat elenkat fl-Anness 1 jintemmu fl-istess ħin.

2. F'każ li jiġu terminati l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1, dan il-Ftehim jintemm fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f'żewġ eżemplari bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bil-Bengali.

Съставено в Брюксел на седми юни две хиляди двадесет и четвърта година.

Hecho en Bruselas, el siete de junio de dos mil veinticuatro.

V Bruselu dne sedmého června dva tisíce dvacet čtyři.

Udfærdiget i Bruxelles den syvende juni to tusind og fireogtyve.

Geschehen zu Brüssel am siebten Juni zweitausendvierundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne neljanda aasta juunikuu seitsmendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις εφτά Ιουνίου δύο χιλιάδες είκοσι τέσσερα.

Done at Brussels on the seventh day of June in the year two thousand and twenty four.

Fait à Bruxelles, le sept juin deux mille vingt-quatre.

Sastavljeno u Bruxellesu sedmog lipnja godine dvije tisuće dvadeset četvrte.

Fatto a Bruxelles, addì sette giugno duemilaventiquattro.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit ceturtā gada septītajā jūnijā.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt ketvirtų metų birželio septintą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonnegyedik év június havának hetedik napján.

Magħmul fi Brussell, fis-seba jum ta' Ġunju fis-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.

Gedaan te Brussel, zeven juni tweeduizend vierentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia siódmego czerwca roku dwa tysiące dwudziestego czwartego.

Feito em Bruxelas, em sete de junho de dois mil e vinte e quatro.

Întocmit la Bruxelles la șapte iunie două mii douăzeci și patru.

V Bruseli siedmeho júna dvetisícdvadsaťštyri.

V Bruslju, dne sedmega junija leta dva tisoč štiriindvajset.

Tehty Brysselissä seitsemäntenä päivänä kesäkuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäneljä.

Som skedde i Bryssel den sjunde juni år tjugohundratjugofyra.

দুই হাজার চব্বিশ খৃষ্টাব্দের জুন মাসের সাত তারিখে ব্রাসেলসে সম্পাদিত।

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
ইউরোপীয় ইউনিয়নের পক্ষে

За Народна република Бангладеш
Por la República Popular de Bangladesh
Za Bangladéšskou lidovou republiku
For Folkerepublikken Bangladesh
Für die Volksrepublik Bangladesch
Bangladeshi Rahvavabariigi nimel
Για τη Λαϊκη Δημοκρατια του Μπαγκλαντες
For the People's Republic of Bangladesh
Pour la République populaire du Bangladesh
Za Narodnu Republiku Bangladeš
Per la Repubblica popolare del Bangladesh
Bangladešas Tautas Republikas vārdā –
Bangladešo Liaudies Respublikos vardu
A Bangladesi Népi Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh
Voor de Volksrepubliek Bangladesh
W Imieniu Ludowej Republiki Bangladeszu
Pela República Popular do Bangladeche
Pentru Republica Populară Bangladesh
Za Bangladéšsku ľudovú republiku
Za Ljudsko republiko Bangladeš
Bangladeshin kansantasavallan puolesta
För Folkrepubliken Bangladesh
গণপ্রজাতন্ত্রী বাংলাদেশের পক্ষে

ANNESS 1

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju

— Il-Ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh, magħmul fi Brussell fl-20 ta' Jannar 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Belġju" fl-Anness 2;

Emendat bil-Memorandum ta' Qbil magħmul fi Brussell fl-20 ta' Lulju 2000;

— Il-Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh, magħmul f'Bonn fit-8 ta' Diċembru 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Ġermanja" fl-Anness 2;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Qbil bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh li sar f'Bonn fit-8 ta' Diċembru 1992;

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika Taljana dwar is-servizzi tal-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom, magħmul f'Ruma fis-16 ta' Diċembru 1980, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Italja" fl-Anness 2;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memoranda Kunfidenzjali ta' Qbil bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika Taljana li saru f'Ruma fis-16 ta' Diċembru 1980;

— Il-Ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Renju tan-Netherlands u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh, magħmul f'Dhaka fit-3 ta' Novembru 1973, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u n-Netherlands" fl-Anness 2;

Emendat bil-Minuti Miftiehma ffirmati mid-delegazzjonijiet tar-Renju tan-Netherlands u tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh fl-Aja fis-7 ta' Novembru 1989;

Emendat bil-Memorandum ta' Qbil bejn il-Gvern tan-Netherlands u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh, magħmul fl-Aja fis-6 ta' April 1994.

(b) Ftehimiet u arranġamenti oħra dwar is-servizzi tal-ajru inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhumiex qed jiġu applikati b'mod provviżorju

— Il-Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja, inizjalat f'Dhaka fid-9 ta' Ġunju 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Polonja" fl-Anness 2;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja li sar f'Dhaka fid-9 ta' Ġunju 1997;

— Il-Ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża, inizjalat f'Dhaka fit-2 ta' Lulju 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u Franza" fl-Anness 2;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża li sar f'Dhaka fit-2 ta' Lulju 1998;

— Il-Ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika Slovakka, inizjalat f'Dhaka fis-17 ta' Jannar 2007, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn il-Bangladesh u s-Slovakkja" fl-Anness 2;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Qbil bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u l-Gvern tar-Repubblika Slovakka li sar f'Dhaka fis-17 ta' Jannar 2007;

Emendat bil-Memorandum ta' Qbil bejn l-Awtoritajiet Ajrunawtiċi tal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh u tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka, iffirmat fis-Slovakkja fit-30 ta' Awwissu 2007.

ANNESS 2

Lista tal-artikoli inklużi fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 4 ta' dan il-Ftehim

(a) In-nomina minn Stat Membru:

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Belġju;

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u Franza;

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Ġermanja;

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Italja;

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u n-Netherlands;

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Polonja;

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u s-Slovakkja;

(b) Ir-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi:

— l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Belġju;

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u Franza;

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Ġermanja;

— l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Italja;

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u n-Netherlands;

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Polonja;

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u s-Slovakkja;

(c) Is-sikurezza:

— l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Belġju;

— l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u Franza;

— l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Ġermanja;

— l-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Italja;

— l-Artikolu 9 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Polonja;

— l-Artikolu 9 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u s-Slovakkja;

(d) It-tassazzjoni fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni:

— l-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Belġju;

— l-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u Franza;

— l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Ġermanja;

— l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Italja;

— l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u n-Netherlands;

— l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u l-Polonja;

— l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Bangladesh u s-Slovakkja.

ANNESS 3

Lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika tal-Iżlanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) l-Konfederazzjoni Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).